MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru. 965/2003

**IL-PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**MARTIN CACHIA ta' 53 sena, iben Michael u Josephine nee' Aquilina, imwieled Tal-Pieta' nhar id-29 ta' Marzu, 1959, residenti fil-fond Martina, 238, Triq Imhallef W Harding, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 235859M;
GILMORE CACHIA ta' 26 sena, iben Martin u Therese nee' Carabott, imwieled Tal-Pieta' nhar it-3 ta' Novembru, 1985, residenti fil-fond Martina, Triq Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 38386M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Martin Cachia** u **Gilmore Cachia** li gew akkuzati talli:

1. Nhar id-9 ta’ Settembru, 2004, fil-Belt Valletta, Pembroke, u San Giljan, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija, jew xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammu ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq, u cioe’ numru ta’ CDs, DVDs u hwejjeg ohra foloz;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irriproducew jew ikkupjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikoli jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra, protetti bil/jew taht il-Ligi ta’ Malta;

3. U aktar talli saru redicivi ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gew ikkundannati b’diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati;

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod iehor ipproducew jew ikkupjaw, jew bieghu jew qassmu jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b’licenzja, jew bhala parti minn attivita’ koperta b’tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-Ligi ta’ Malta, b’hekk jitqiesu li operaw minghajr licenzja.

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju l-imputati wiegbu li ma kinux hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront taghhom.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputati ddikkjaraw li ma kellhomx oggezzjoni ghall-istess.

Semghet ix-xhieda ta’ l-Ispettur Joseph Cordina li xehed dwar osservazzjoni li kien qieghed jaghmel hdejn il-Premier il-Belt, u hemm wara l-station tal-cutlery ra kaxxa li ma’ l-ewwel dehra kellha CDs fiha. Qal illi wara tali osservazzjoni nnota li hadd ma resaq lejn il-kaxxa. Xehed ukoll illi din kienet tliet metri ‘l boghod minn tilar li kien registrat f’isem Martin Cachia, u kien qieghed jigi gestit minn Gilmore Cachia. Mar fuq dan it-tilar fejn sab katalgu li kien fih in trays bis-CDs u numru miktub bil-felt pen, ghalih speci ta’ reference number. Qal illi qabbel dawk in-numri ma’ dawk li kien hemm fil-kaxxa u sab illi kienu jaqblu perfettament.

Xehed illi l-Belt sabu 640 bicca : 102 CD games, 280 music CDs, u 294 DVDs.

Ezebixxa wkoll il-kwereli minghand Dr Patrick Galea ghan-nom ta’ 20th Century Fox u distributuri ohra tal-films, kif ukoll ta’ Forestals minhabba CD ta’ Play Station, Dok A, B, C, D.

Ezebixxa wkoll sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-konfront ta’ Martin Cachia (li per parentesi fiha n-numru tal-karta ta’ l-identita’ ta’ l-istess Martin Cachia).

PS 130 Ivan Cilia xehed dwar search li saret go Pembroke, fejn saret tfittxija go zewg karozzi – wahda Ferrari u l-ohra Mercedes. Dawn il-karozzi, li skondtu kienu mghottija b’cover, x’hin inkixfu fihom instabu diversi CDs li kienu jammontaw ghal 2,140. Instabu wkoll diversi ‘garments’ tad-ditti Ferrari u Mercedes.

Ingab jixhed Dr Patrick Galea li kkonferma il-kwereli A, B, C, u D.

Dr Patrick Galea ezebixxa wkoll diversi ‘power of attornies’, mandati lilu moghtija mis-socjetajiet Twentieth Century Fox Film Corporation, New Line Productions Inc,

Warner Bros Entertainment Inc, Disney Enterprises, Paramount Pictures, Universal City Studios and Productions, Tristar Pictures, Columbia Pictures Industries.

PS 494 Gordon Borg xehed illi anke hu kien involut fi tfittxija li saret fir-residenza ta' Martin Cachia. Sabu f'Mercedes (AMG036) CDs u flokkijiet tal-marka Ferrari, anke wallets tal-marka Ferrari, u ohrajn bl-arma tal-Mercedes.

Minn naha tieghu John Ricahrds, Principal ma' l-Industrial Property Office, ezebixxa sensiela ta' dokumenti rapprezentanti trade mark tad-ditta Sony u tad-ditta Ferrari, Dok S u F rispettivament.

Anke PC 730 xehed dwar it-tfittxija li saret fir-residenza ta' l-imputat fejn ukoll xehed dwar is-sejba ta' DVDs li nstabu gol-bagoll ta' Mercedes, kif ukoll fis-seat ta' wara taghha.

Minn naha tieghu PC 474 Norbert Said ukoll xehed dwar l-ispezzjoni li saret fuq il-Monti, fejn xehed li nnutaw li hdejn il-Café Premier kien hemm tliet kaxxi tal-kartun u basket tal-plastic li kellu DVDS u CDs u games. Xehed ukoll li dawn ma tmissew minn hadd. Xehed illi ftit metri 'l boghod kien hemm stall ta' Martin Cachia li ma kienx fil-post, pero hemm fl-stall kien hemm ibnu Gilmore. Qal illi x'hin qabblu l-albums numerati mal-kontenut tal-kaxxi, dawn qablu. Xehed illi mhux talli qablu n-numri ta' referenza bejniethom, imma qablu wkoll fl-istampi tad-DVDs u CDs. In kontro ezami kkonferma li kien hemm stalls ohra armati bid-DVDs li pero huma ma marrux jivverifikaw il-folders maghhom.

Minn naha tieghu l-espert Dr Martin Bajada pprezenta r-relazzjoni tieghu Dok MB – xehed u ghalhekk ikkonkluda li dak kollu minnu ezaminat f'audio, DVDs, games, u mixed optical games, kienu fil-maggoranza kbira taghhom **non compliant** (enfasi tal-Qorti). Mill-ammont kollu ezaminat mill-espert, 2,076 oggetti (inkluzi anke wallets u tops tal-Mercedes u Ferrari) kienu non-compliant, mentri 84 huma compliant.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, qatt ma ngabu provi tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-prokuri ezebiti, kif gia' elenkati, minn Dr Patrick Galea. Dawn huma fotokopji ta' dokument li suppost jaghti prokura lil Dr Patrick Galea biex jagixxi f'isem kull socjeta' msemmija. Ghandu ragun l-Avukat Difensur jghid illi dawn huma prova monka fl-istat li huma. Terga' u tghid, Dr Patrick Galea litteralment gie u xehithom f'hogor il-Qorti u ma ndenja xejn jipprova b'xi mod isahhah il-volur probatorju taghhom. Ghaldaqstant, ebda reat ma jista' jezisti taht l-Artikolu 298B.

Issa nigu ghal dak li gie misjub go residenza ta' Martin Cachia, f'zewg vetturi go garaxx – hawn il-Qorti, ghalkemm hija sodisfatta li l-kontenut fil-maggoranza tieghu kien non-compliant, pero ma tistax tghid fil-verita' ta' min kienu dawn l-oggetti – almenu l-Prosekuzzjoni setghet ittella' prova ta' min kienu l-karozzi li fihom instab il-materjal. Is-seizure note ezebita ta' l-oggetti maqbuda mir-residenza ta' l-imputati hija mahruga f'isem Martin Cachia, Dok MC2 folio 37, pero fil-verita' din il-Qorti m'ghandhiex prova cara ta' liema mill-imputati huma dawn l-oggetti, stante li jirrizulta b'mod car mill-atti li t-tnejn joqoghdu f'dik i-residenza.

L-istess problema ssib il-Qorti fil-konfront ta' l-oggetti mehuda mill-stall li kien gestit skond il-Prosekuzzjoni minn Gilmore Cachia, pero skondtha jsejjah lil Martin Cachia. Ta' dan l-ahhar fatt ma ngabet ebda prova. Ghalkemm il-Qorti hija ferm konvinta minn dak li kkonkluda Dr Martin Bajada, lil min pero ser taghti tort? Lill-missier li ma kienx fuq il-post ghax l-stall bla prova jghajjat lilu, jew lil ibnu li kien fuq il-post u forsi ma kienx hu responsabbli ta' dak li bih kien armat l-stall?

Xejn aktar m’ghandha xi tghid din il-Qorti, hlief li ghalkemm hija certa minn non-compliance tal-oggetti ezebiti, u jkollha tillibera lill-imputati.

Tordna d-distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha ezebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------